MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 715/2005

**DONALD ATTARD COMPANY LIMITED (C18060)**

**VS**

**AZWAM (ID14126A) U BRIGITTE (ID. 379084 M) KONJUGI ATWAIR TAHER AHMED ELGHALFAT.**

**Il-Qorti**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha is-socjeta’ attrici ippremettiet illi:

Peress illi s-socjeta’ attrici bieghet numru ta’ ‘’*lighters*’’ lill-konvenuti fl-20 ta’ Frar 2003, kif jidher mill-anness dokument immarkat Dok DA1;

U peress illi dawn il-‘’*lighters*’’ kellhom jigu esportati lejn il-Libja, kif infatti gew esportati kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati Dok DA2 u Dok DA3;

U peress li s-socjeta’ attrici hallset l-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dan is-*shipment* , kif jidher mid-dokumenti annessi Dok DA4 u Dok DA5;

U peress illi in konsegwenza ta’ din it-transazzjoni s-socjeta’ attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000), u dan il-fatt gie rikonoxxut mill-konvenut Azwam Atwair kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat Dok DA6;

U peress illi minkejja li l-konvenuti gew interrpellatii sabiex ihallsu s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000), dawn baqghu inadempjenti;

U peress illi t-talbiet attrici huma esigwibbli kontra l-konvenuti u ghalhekk jirrikorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kap 12 u dan peress illi l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjoni valida x’jissollevaw bhala diviza valida, kif jidher mill-affidavit hawn anness (Dok DA);

Jghidu l-konvenuti, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ l-Organizzazjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000), bl-imghaxx relattivi mid-data tal-bejgh.

Bl-ispejjes, u l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol.3 tal-process.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifkata lil konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha cediet l-atti fil-konfront tal-konvenut Taher Ahmed Elghalfat;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenuti Azwam u Brigitte konjugi Atwair, kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti Azwam u Brigitte konjugi Atwair.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------